MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Numru. 431/2006

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
ANTHONY ZARB

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Zarb, bin Emanuel William u Margareth nee' Mifsud, imwieled Attard fil-21 ta' Novembru 1968, u residenti Moonlight Shadow, Triq A.Emanuel Caruana, B'Kara, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 494068(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-7 t'April 2004, u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu anke jekk fi zmenijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond Moonlight Shadow, Triq A.Emmanuel Caruana, B'Kara, jew bhala persuna li kellu f'idejh l-

imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li huwa ta' aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), u dan kollu bi ksur tal-Artikoli 261, 263(a), 264(1), 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku, jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom, u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 326(1)(e)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet ukoll mitluba tikkundanna lill-imputat ihallas lir-registratur tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluz dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 2) u tal-imputat (a fol 10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja x-xhieda kontenuta fil-process verbal, u x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, jirrizulta b'mod limpidu minn Alan Chetcuti, impjegat fir-Revenue Section tal-Enemalta, illi fil-perjodu ndikat fic-citazzjoni, minkejja xi rregolaritajiet fil-'meter' tad-dawl tal-imputat, l-Enemalta ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li filfatt l-imputat wettaq xi serq ta'

luce elettrika, wara li hija ghamlet il-verifiki taghha u qablet bil-konsum tal-elettriku fil-perjodu antecedenti ghall-akkuza, ma' dak imsemmi fl-akkuza.

In vista ta' din ix-xhieda (ara minn fol 26-29), u in vista tar-'records of consumption' esebiti in atti bhala dokument AC1 u AC2, u in vista anke tar-rinunzja da parti tal-Enemalta (dokument AC3) f'dan il-kaz, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------